MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Talba Numru. 1839/2002

**Dr Nikolai Muscat Farrugia bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Roxby Media Limited (ta' Roxby House 5-6, Roxby Place, Londra SW6 1RU, Ingilterra) u ghan-nom u in rappresentanza ta' l-istess**

**Vs**

**General Insurance Services Limited u b'digriet tat-Tribunal tat-12 ta' Novembru 2002, l-isem tas-socjeta konvenuta gie mibdul bl-isem 'General Insurance Agency Limited'**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur nomine s-somma ta' elf mija u sittin lira Maltin (Lm1160) ossija l-ekwivalenti fi flus maltin tas-somma ta' 1750 lira sterlina dovuta lis-socjeta estera Roxby Media Limited bhala prezz ta' avviz "half page full

colour advert" li gie ippubblikat fil-"European Business Conspectus 2001" fuq istruzzjonijiet tas-socjeta konvenuta stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tas-16 ta' Jannar 2002 u bl-imghaxijiet mill-11 ta' Dicembru 2000 li hija d-data li fiha kellu jsir il-pagament sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-attur nomine sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment is-socjeta konvenuta, ma ipprezentatx ir-risposta taghha fiz-zmien moghti u dana skond digriet tat-12 ta' Dicembru 2003 kif ukoll naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta' elf mija u sittin lira Maltin, bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Dicembru 2000.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tas-16 ta' Jannar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------